# Għal Ġorġ Pisani

Joe Zammit Tabona

Xtaqt niġbor l-isbaħ ward tal-art Maltija
Imżewwaq ġewwa qfief l-imħabba tiegħi,
Ir-Rand minn ġol-widien ta' werqa Għawdxija
Bil-fwieħa tar-rebbiegħa mgħannqa miegħi;

Għax għeb ir-ragħaj tal-għanja tal-Ġgantija,
Ta' ġnien il-qedem rimi l-ogħna frieghi,
Id-diwi ta' ġrajjietna fl-isbaħ dija
Li turi r-ruħ bla star ta' Malta tiegħi:

Għalih għalhekk il-mewġa dmugħ hekk kbira,
Għalih ir-rand u l-ward, u l-għożża tagħna,
Għalih dejjiema l-qima u t-tifkira;

Hekk tibqa' tidwi fostna fil-ġejjieni
Bħal tal-Qassis Poeta mwaħħda magħna,
L-għanja tiegħu mill-qalb għannej waħdieni.